# Mitt sena mit-twelid ta' Mro. Joseph Abela Scolaro (1910-2010)

***Kitba ta' Daniel Vella***
*Preżentatur Marċifest Radju Malta, 93.7 fm*



Is-Surmast Joseph Abela Scolaro, nisel il-Mużiċisti, twieled fil-Ħamrun fid-9 ta' Frar 1910. Dan is-surmast ġej minn familja tal-mużika , tant li missieru Carmelo kien kurunettista prim kif ukoll Surmast Direttur ma' diversi baned. Zijuh Salvatore kien Surmast Direttur tal-Banda San Gejtanu tal-Ħamrun. Ħuh il-kbir, Luigi, kien idoqq il-flawt mat-Teatru Rjali.

Joseph bena s-sisien mużikali tiegħu meta ħa l-ewwel studju mużikali mingħand missieru stess Carmelo. Wara li b'xorti ħażina missieru miet, Joseph kompla l-istudji tiegħu għand is-Surmast Luigi Vella fejn beda jitgħallem il-pjanu forti.



Wara, kompla bit-tagħlim tiegħu għand il-pjanist Anġlu Abdilla u warajh għand is-Surmast Carlo Diacono u Carmelo Pace. Għand is-Surmast Diacono beda l-Armonija, il-Kontrapunt, l-Istrumentazzjoni, Storja u Forma. Is-Surmast Carmelo Pace baqa' jgħallmu sa ma' wasal biex kiseb suċċess fid-Diploma mill-*London College of Music*; fl-1937 "Associate" (A Mus. L.C.M.), fl-1945 "Licenciate" (L.Mus.L.C.M.) u fl-1950 "Fellowship" (F.L.C.M). L-ewwel banda li mexxa dan is-Surmast kienet il-banda tal-Istitut San Ġużepp fl-1934. Dan kien il-bidu ta' Direzzjoni Bandistika li waslitu wkoll għall-bosta suċċessi f'dan il-qasam. Fl-1943 ħa treġġija tal-Banda San Gejtanu u żamm din il-kariga sal-1972. Bejn l-1945 u l-1979 huwa kien Surmast Direttur tal-banda Unjoni ta' Ħal-Luqa. Baned oħra, li mexxa b'abilita' kbira, kienu il-banda Leone tar-Rabat Għawdex u l-banda Maria Mater Grazzja ta' Ħaż-Żabbar. Mexxa wkoll il-*Malta Opertic Choir Society*.

Bla dubju, f'artiklu bħal dan, ma nistax inħalli barra l-ħafna mużika li kiteb dan is-Surmast, fosthom Kantata lil San Pawl li kiteb għall-istess kor li tul iż-żmien sar Chorus Melitensis. Kiteb ukoll il-Vexilla Regis kif ukoll Oratorji ċelebri u mill-isbaħ. Hawnhekk insemmi l-Oratorji Lil San Gejtanu, Lil Sant' Andrija u Lill-Madonna tal-Grazzja.

Is-Surmast Joseph Abela Scolaro kiteb ukoll diversi innijiet sbieħ. Jibqa' jissemma l-Innu Nazzjonali ta' Ċentinarju Pawlin. Il-lirika ta' dan l-Innu inkiteb minn Dun Franz Camilleri wara li kien sar konkors fejn dan l-Innu kien ġie fl-ewwel post.

Dan is-Surmast kiteb xogħlijiet Mużikali Klassiċi, fosthom: O Madre Pietosa, L-Imnarja, Invito all' Amore u oħrajn. Mro. Abela Scolaro jibqa' bla dubju magħruf għall-kitba tal-marċi brijużi, l-aktar wieħed popolari hu l-Appasionata. Marċi sbieħ oħra huma: St. Paul's Centenary, Summer Souvenir, Festa Maltija, Edgar, Victory, Ophelia, Bag Pipe Roll, Comporsitas, Sweet Carnation, Salus, Tour in Teheran, Colorado, Santiago di Cuba, Imporvisation, Celebrations u ħafna oħrajn. Kiteb ukoll marċi Funebri u innijiet oħra, fosthom wieħed mill-isbaħ innijiet li jitqies fostna d-dilettanti tal-Baned Maltin, qed nirreferi għall-innu tal-Banda San Gejtanu. Hawnhekk tajjeb insemmi li barra l-ħafna mużika li ħalla fl-Arkivji tal-baned Maltin, hemm ukoll ħafna manuskritti tiegħu li huma miżmuma fil-Mużew tal-Katidral tal-Mdina.

Is-Surmast Joseph Abela Scolaro miet fis-27 ta' April tal-1979.